MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 43/2010

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

1. Illi jiena zzewwigt lil C D, fis-sittax (16) ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000), fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens taghna kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien

hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalina li nwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi marti eskludiet pozittivament iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi ghalhekk kellha ssir in il-kawza

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Dicembru tas-sena 2000, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew migbura u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta ghalkemm notifikata, baqghet ma ipprezentatx ir-risposta guramentata taghha u qatt ma dehret ghal dawn il-proceduri.

Illi l-attur xehed illi huwa izzewweg lill-konvenuta fis-16 ta' Dicembru 1999. Huwa kien gie Malta fl-1999 biex jahdem

bhala seaman fuq vapur gewwa Malta, imbaghad iddecieda li jibqa u jahdem Malta fuq il-vapuri ma kumpanija barranija.  Dak iz-zmien kien guvni u kellu tmienja u ghoxrin sena (28) sena.  L-attur xehed illi darba minnhom kien il-Belt mal-hbieb tieghu u hu u shabu bdew ikellmu xi tfajliet, wahda minnhom kienet il-konvenuta C D, li dak iz-zmien kellha bejn wiehed u iehor tmienja u ghoxrin (28) sena.  Hija damet titkellem mieghu fuq il-familja taghha, kif kienet tqatta il-hin taghha, peress illi dak iz-zmien ma kienitx tahdem u huwa kien kellimha dwar pajjizu u fuq ir-religjon tieghu u fuq meta beda jahdem f'Malta u il-konvenuta kienet qaltlu li xtaqet izzur pajjizi l-Egittu.  Taw il-mobile number lil xulxin, l-ghada cempel lill-konvenuta u rega iltaqa maghha.  Ghamlu hekk ghal xi darbtejn ohra.  Wara xi tlett darbiet illi kienu iltaqghu, l-attur kien ippropona lill-konvenuta illi jiehdu ir-relazzjoni taghhom bis-serjeta, izda hi ma kienitx certa. L-attur xehed illi l-konvenuta bdiet tibza minhabba ir-religjon tieghu u hu kien spjegalha illi jekk ikollhom it-tfal hu ried li t-tfal taghhom ikunu Musulmani u mhux Kattolici.  Wara dakinhar il-konvenuta ma iltaqghatx aktar mieghu.  Izda wara xi xahar cemplitlu hi u qaltlu li d-dar kellha il-problemi ma ommha u  missierha u mhux l-ewwel darba li kienu heddewha li ikeccuha mid-dar u qaltlu "ahjar nizzewgu u inmorru noqghodu x'imkien."  L-attur kompla jixhed illi l-konvenuta stess hadet l-inizzjattiva u marret tapplika sabiex jizzewgu fir-Registru Pubbliku il-Belt.  Tant kellha genn biex tizzewweg illi la ghamlu tieg u lanqas honeymoon u qaltlu li ma kienitx ser tghid lill-genituri taghha li kienu ser jizzewgu.  L-attur kompla jixhed illi huma izzewgu fis-16 ta' Dicembru 2000, marru joqghodu fi flat San Giljan, izda mill-ewwel gurnata bdew il-problemi.  Il-konvenuta ma rieditx tahsel, ma rieditx issajjar u riedet il-liberta kollha.  Huwa kien ikollu jixtri take-away biex jiekol u meta ra li hi ma riedet taghmel xejn, lanqas hu ma kien issajjar. L-attur xehed illi l-konvenuta ma kienitx tahsillu hwejgu u qaltlu biex jahsilhom hu.  Dan kien sors ta' glied kbir bejniethom tant illi hu kien jiffrustra ruhu.  Minflok ma tohrog mieghu, il-konvenuta kienet iccempel lil shabha, iddum titkellem hinijiet twal fuq it-telephone maghhom u tohrog Paceville u iddum sal-4.00a.m.  Meta kien jghidilha biex ma tkomplix sejra hekk, kienet tghidlu li

ma rieditx sikkatura u li ma kienitx bi hsiebha tbiddel hajjitha mill-hajja ta’ xebba. L-attur xehed illi dan sehh mill-ewwel gimghatejn taz-zwieg taghhom. Dwar it-tfal l-attur xehed illi meta kien ikollu x’jaqsam mal-konvenuta, il-konvenuta kienet qeghda tiehu il-pill u meta staqsiha hi qaltlu illi diga kellha zewgt itfal ohra minn relazzjoni li kellha ma xi haddiehor. Hu kien qalilha illi ried it-tfal u hi wiegbitu illi ma rieditx tfal peress illi kellha zewgt itfal ohrajn u qaltlu wkoll illi kienet qaltlu qabel ma izzewgu illi ma rieditx tfal, izda l-attur xehed illi ma jiftakarx li qaltlu dan il-kliem ghaliex li kieku zgur ma kienx jizzewwigha. L-attur xehed illi minkejja li kien jilmenta li ma setghax ikompli sejjer hekk mal-konvenuta, il-konvenuta kienet tinjorah u kien jimpurtaha biss mill-paga li kien jaghtiha fil-gimgha. L-attur kompla jixhed illi l-konvenuta kienet tqatta hafna hin ticcettja fuq il-computer, anke sat-3.00a.m. u illi xi sitt xhur wara iz-zwieg, il-konvenuta hadet l-affarijiet taghha u telqet mid-dar waqt li hu kien qieghed ix-xoghol. Meta cemplilha, qaltlu li ma kienet thoss xejn ghalih u illi iz-zwieg taghhom kien biss zball.

Illi xehed ukoll hu l-attur Ahmed Ibrahim u ikkonferma ix-xiehda illi ta l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel artikolu illi l-attur iccita bhala bazi ghall-annullament taz-zwieg tieghu kien l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi jghid z-zwieġ ikun null u bla effett jekk il-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet, jew tat-tnejn, kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet illi iwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi sabiex tirrizulta din il-kawzali irid ikun hemm inkapacita psikika u mhux necessarjamant anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku, jew inkella anomalija kostituzzjonali, inkapacita kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita li parti jew ohra jista' ikolla fil-mument li taghti il-kunsens ghaz-zwieg.

Illi in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jekk jirrizulta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita li jaghtu dak il-kunsens, izda il-kunsens irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg.

Illi inoltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu il-parti li tesprimih trid tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u ir-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga, bhala huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli.

Illi il-Ligi taghna ma tiddefinix l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u il-Qorti tifhem li dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma is-segwenti :

1. L-obbligazzjoni li tirrigwarda tal-att taz-zwieg bhala ghaqda u unjoni bejn il-mizzewgin u bazi ta' prokreazzjoni tal-ulied.

2. L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala l-espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel.
3. Il-“mutual well-being”, illi huwa inseparabbli minn ambjent li iwassal sabiex jintlaqghu l-ulied u u jigu edukati fil-kuntest tal-hajja mizzewga.
Illi fil-kaz odjern, il-Qorti rat illi minn dak illi irrizultaha mill-provi, z-zewg partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq iz-zwieg u fuq il-hajja mizzewga u l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-kaz odjern dan irrizulta bl-aktar mod car, peress illi il-partijiet hadu decizjoni affrettata ferm sabiex jizzewgu, il-konvenuta lanqas biss ma uriet lill-familjari taghha li kienet ser tizzewweg lill-attur u wisq anqas ma introducietu maghhom.

Illi irrizulta wkoll illi l-konvenuta ma rieditx tfal u lanqas ma riedet tghix il-hajja ta’ mara mizzewga. Hija qatt ma hadet hsieb taqdi il-funzjonijiet u d-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga, izda kien mohha biex tkompli tohrog u tixxala mal-hbieb, tibqa barra sa kmieni filghodu, ma issajjarx u lanqas tahsel id-dar, jew inkella il-hwejjeg tal-attur.

Illi da parti tieghu, l-attur halla l-preparazzjonijiet kollha f’idejn l-attrici, lanqas biss mar maghha sar-Registru Pubbliku sabiex isiru it-tniddijiet taz-zwieg, halla il-konvenuta sabiex taghzel dar fejn kellhom imorru joqghodu u meta il-konvenuta telqet mid-dar, ma tantx habbel rasu wisq u lanqas ipprova issalva iz-zwieg tieghu.

Illi l-Artikolu l-iehor ikkwotat mill-attur huwa l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 illi jghid illi il-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi hadd minnhom jew tat-tnejn illi huma ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieġ innifsu, jew xi wieħed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz, l-eskluzzjoni posittiva mhux fil-fors tirrizulta minn xi haga espressa direttament mill-partijiet, izda tista tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu

immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.

Illi sabiex tirrizulta is-simulazzjoni totali, l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, irid jigi ippruvat illi il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, minkejja li tkun formalment sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali, din tkun l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga huma il-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg u id-dritt ghal fedelta u ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi l-konvenuta eskludiet totalment iz-zwieg. Gie ippruvat illi la riedet tghix ta’ mara mizzewga, riedet tibqa tohrog u tixxala mal-hbieb u lanqas riedet illi jkollha tfal u ghalhekk din il-kawzali giet ippruvata fir-rigward tal-konvenuta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza, billi fil-kontumacja tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta’ Dicembru tas-sena 2000, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 u konsegwentement il-Qorti qeghda tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv. Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------